# Kif kienu jiġu ċelebrati l-festi f'Malta fl-antik

**minn Marlene Mangion**

Illum, il-festi f'Malta, f'kull belt u raħal, tista' tgħid jiġu ċelebrati l-istess. Il-Festi Interni, jiġifieri ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja, ikollhom l-Għasar, Tridu, Quddiesa Solenni nhar il-Festa u filgħaxija, purċissjoni bil-Vara, u fl-aħħar nett meta l-Vara tidħol lura fil-Knisja, titkanta l-Antifona tal-festa, u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Il-festi ta' barra, min-naħa l-oħra, jinvolvu l-baned idoqqu l-marċi fit-toroq fil-ġranet tat-Tridu, u jagħmlu xi programm sabiħ fuq il-planċier li jarmaw fil-pjazza lejlet il-festa.

Però ma jsirx l-istess fil-Katidral tal-Imdina. Hemm issir festa liturġika mill-aqwa, funzjonijiet sbieħ, kant u mużika mill-aħjar imma fuq barra kollox sempliċi. Fuq barra, issir biss illuminazjoni fuq il-bejt tal-Katidral lejlet il-festa.

L-Imnarja hi l-festa ta' San Pietru u San Pawl u tiġi fid-29 ta' Ġunju. Din il-festa tiġi ċelebrata fil-Katidral tal-Imdina. Hi l-aktar festa importanti fil-folkor Malti u bdiet fi żmien il-Kavallieri. Din hi l-festa tal-bdiewa li jkunu qed jiċċelebraw tmiem ix-xogħol fl-għelieqi u jqattgħu sagħtejn misrieħ u divertiment. Kienet issir ukoll it-tellieqa biż-żwiemel. L-istess isem l-Imnarja ġej minn Lunimarja, kelma li tfisser imdawwal, għaliex f'din il-festa li ssir bejn ir-Rabat, l-Imdina u l-Buskett, fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju, kienu jinxtegħlu s-swar tal-Imdina, il-Katidral u f'kull belt u raħal madwar Malta u Għawdex.

Mal-festa ta' San Ġwann il-Battista li hi ukoll f'Ġunju, kienet marbuta d-drawwa tal-ħġejjeġ f'kull belt u raħal fuq l-eżempju tal-kavallieri, li kienu jaħarqu btieti mimlija bit-tiben fil-belt, u quddiem folla ta' nies iħabbru l-ferh tat-twelid tal-Prekursur. Il-ħġejjeġ kienu l-ewwel għamla ta' dawl - illuminazzjoni - tal-festi, drawwa li kienet issir ukoll għal kull festa titulari tal-parroċċi tagħna fi żmien il-faqar u fl-istess ħin kienet ħaġa ta' divertment popolari. Qawl ħelu li kien jingħad f'dawk iż-żminijiet kien "Is-sinjuri ma jneħħux il-ħwejjeġ qabel il-Festa tal-Ħġejjeġ". It-taljani wkoll kellhom dan il-qawl li kien jgħid: "I signori non mettono via i panni, prima della festa di San Giovanni". B'dan il-qawl kienu jfissru li ma kellhomx ineħħu l-ħwejjeġ tax-xitwa qabel il-festa ta' San Ġwann.

## Il-Ħuġġieġa fil-festa ta' San Ġwann, f'Ġunju

Dari wkoll kienet id-drawwa li meta koppja jagħtu l-kelma lil xulxin li jkunu se jiżżewġu, l-għarus kien iniżżel fil-kuntratt li jieħu lill-mara għall-festi tal-Imnarja u ta' San Girgor.

F'dokumenti antiki nsibu li l-Prokuraturi tal-festi ma kinux jgħidu x'nefqu għall-ħatab tal-ħuġġieġa tal-festa, imma għall-ħatab għal-luminazzjoni, waqt li



xi drabi kienu jżidu wkoll spejjeż taż-żift - dan meta naturalment kienu jċappsu injam biż-żift, biex jagħmlu t-torċi għall-briju u biex idawwlu l-misraħ tal-knisja waqt id-dħul tal-purċissjoni.

Dari, il-purċissjonijiet kienu jsiru ġeneralment bla vari, għax vari ftit kien hawn fl-irħula ż-żgħar. L-ewwel vari tal-injam dehru fostna fis-seklu 17, imma qabel kien hawn xi vari tal-kartapesta mlibbsin il-ħwejjeġ veri, bħalma kienu u għadhom dawk ta' San Lawrenz tal-Birgu u tar-Rużarju tad-Dumnikani fil-belt Valletta.

Qabel is-sena 1800, ma kienetx issir purċissjoni filgħaxija kif nagħmlu llum. Kienet issir purċissjoni zgħira fil-Knisja stess. Il-purċissjoni kienet issir filgħodu – ħaġa li żammitha biss il-knisja ta' Birkirkara - imma fl-antik din id-drawwa kienet imxerrda mal-knejjes kollha ta' Malta. Kienu joħorġu jew mill-bieb tal-ġenb tal-knisja, jew min-nofs jekk ma jkunx hemm bieb ieħor, u jduru lura 'l ġewwa min-nofs. Sa xi l-ħdax ta' filgħodu kien ikun spiċċa kollox. Il-purċissjonijiet ta' filgħaxija bdew isiru bħala għeluq ta' nhar il-festa, għax kienet inħasset il-ħtieġa li l-festa ma tiqafx ma' nofsinhar, kif kienet tieqaf dik ta' Santa Liena sa ftit snin ilu.

Primarjament, dari l-festi kienu jikkonsistu fil-Quddiesa tal-festa u l-purċissjoni. Dak iż-żmien ma kienux idendlu bozoz, liedna u bandalori fit-toroq kif nagħmlu llum biex inżejjnu. Għalhekk, hi u għaddejja l-purċissjoni, l-antenati tagħna kienu jixgħelu fjakkli jew imsiebaħ fuq il-bankini jew fuq il-bjut, u min kellu, kien joħroġ il-qsari biex iżejjen il-bankina.

Sas-seklu 18 il-parroċċi ma



*Kif kienu jaslu sal-festa.... bil-ħmara u l-karettun*



*Il-banda fil-marċ*

kienx ikollhom statwi għall-festa. Għalhekk kienu joħorgu xi Ikona jew xi Inkwatru għad-devożżjoni. Ftit ftit bdew jagħmlu l-istatwi tal-kartapesta. Dawn kienu ħfief biex jinġarru. Illum il-bliet u l-irħula kollha għandhom l-Istatwa tagħhom u jieħdu ħsiebha billi matul is-sena din l-Istatwa tinżamm go niċċa bil-faċċata tal-ħġieġ fil-knejjes rispettivi tagħhom.

Il-festi sekondarji bdew jinbtu għall-ħabta ta' nofs is-seklu 19. Kienu jkunu ħafna l-fratelli li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet, għax dari l-poplu kien iktar jieħu l-festa bħala devozzjoni.

Fl-Imnarja, il-festa kienet tibda bit-tiġrija tal-bhejjem, imma mhux kulħadd seta jagħmel it-tiġrija jew xi ħaġa oħra li tiswa ħafna flus. Għaldaqstant, fl-ibliet ta' madwar il-port, kienet daħlet id-drawwa tat-tellieqa tad-dgħajjes, imma l-irħula ma kellhomx ħaġa oħra eħfef, ħlief li jagħmlu l-purċissjoni filgħaxija flok filgħodu, biex itawwlu ftit il-festa. Nhar San Lawrenz, kienet issir it-tiġrija tad-dgħajjes, mhux anqas minn dik tal-Vitorja nhar il-Bambina tal-Isla, imma fil-Birgu kienet daħlet id-drawwa ta' illuminazzjoni tal-baħar billi jaqsmu l-ġewż u fil-qxur ipoġġu ftit żejt u jwaqqfu ftila f'kull qoxra, jixgħeluhom u jitilqu l-ġewż jgħum fil-wiċċ tal-baħar li jsir qisu qed jirrifletti s-sema bil-kwiekeb - drawwa li nqatgħet żmien twil ilu, imma li kien tagħmel spettaklu ħelu.

Milli jidher, ftit li xejn kien isir tiżjin organizzat, barra minn f'xi okkażjoni speċjali bħal meta l-Gran Mastru jżur xi belt jew raħal nhar il-festa. Dakinhar kien isir ark - nofs ċirku - iżejjnuh bil-weraq tas-siġar, jew imxeblek mal-injam jew qasab bħal kannizzata, imma f'nofs l-ark kien ikun hemm dejjem l-arma tal-Gran Mastru pinġuta fuq l-injam u mal-ġnub kien ikun hemm ukoll il-bandieri tal-kavallieri. Għal dawn l-okkażjonijiet kienu jsiru festi kbar u l-parroċċi kienu jlestu pultuna u l-isbaħ tapit milli jkun hemm fil-knisja, biex il-Gran Mastru jsib kollox kif jixraqlu.

L-ilbies tan-nisa kien ikun ħafna drabi libsa sewda u fuqha l-għonnella. Dawk li kienu jkun tat-tajjeb kienu jilbsu xi barbazzal jew giżirana tad-deheb. Sa ħamsin sena ilu kienet għadha tintlibes l-għonnella minn ċerti nisa, minbarra dawk li kienu soċji tal-mużew li għalihom kienet qisha l-uniformi. Aktar 'il quddiem in-nisa speċjalment żgħażagħ kienu jżanżnu libsa ġdida nhar il-festa. Illum jidħqu ż-żgħażagħ meta jisimgħu dan.

Illum kull post għandu l-banda tiegħu. Idoqqu barra billi jduru mat-toroq fil-jiem ta' qabel il-festa, u jagħtu kunċerti ta' klassi fuq il-planċier. Xi baned jiġu mitlubin biex idoqqu f'xi parroċċi oħra wkoll għall-ħlas miftiehem. Dari mhux hekk. Ma kellhomx il-mezzi li jixtru strumenti, li kienu skarsi wara kollox, għalhekk kienu jiddubbaw b'li l-providenza tipprovdi. Kienu jinġabru gruppi ta' madwar 6 persuni li kienu jħobbu l-mużika u jkunu wkoll kapaċi jdoqqu xi ftit, u kull ma kellhom kienu xi fifra (illum flawt) li kienet tkun magħmula mill-qasab; it-tanbur u ż-żaqq li kien jsiru minn ġlud tal-annimali u qasab, marbutin bl-ispag; u żafżafa (speċi ta' tanbur) li kienet issir ukoll mill-ġlud u qasab. Dawn kienu jdoqqu melodiji ferrieħa biex iferrħu lin-nies. Dan il-grupp ta' daqqaqa kien diġa' jissejjaħ 'banda' mill-poplu. Maż-żmien, xi rġiel li kienu jaħdmu fl-Armata bdew jiġu mgħallma jdoqqu xi strument. Ftit ftit bdew jingħaqdu fi gruppi u bdew jinħolqu każini fejn kienu jiltaqgħu l-irġiel wara x-xogħol idoqqu. Hekk bdew l-ewwel "każini mużikali", fejn fihom beda jsir it-tagħlim tal-istrumenti mużikali.

Fit-tieni gwerra dinjija, in-nies bdew idabbru rashom għal postijiet b'anqas periklu, fosthom il-Gudja. Il-Każin tal-Gudja ġie offrut lill-Awtoritajiet Ċivili. B'hekk fil-każin bdew jgħixu xi refuġjati, billi kull familja kienet tingħata kamra fejn tkun tista' ddaħħal rasha. F'dak iż-żmien minħabba l-qagħda li kienu fiha bil-gwerra, kellu jitwaqqaf id-daqq. F'Settembru tal-1943, meta kien spiċċa l-ħbit fuq Malta, u l-każin reġa tbattal mir-refuġjati, inġieb Kapural tal-Armata li beda jagħti lezzjonijiet lil kull min kien interessat. Inġabru madwar 30 tfal u żgħażagħ. Kienu jingħataw lezzjonijiet fuq biċċiet tal-karti, għax il-kotba tal-mużika kienu






*Knisja f'jum il-Festa*



*Ix-xalata – l-għada tal-Festa*

skarsi ħafna dak iż-żmien. Dawn il-lezzjonijiet servew biex bosta żgħażagħ bdew jitgħallmu xi strument. Biex ma joqgħodx ġej u sejjer mid-dar għall-każin, lis-Surmast kienu ippreparawlu kamra b'sodda fiha biex ikun jista' jorqod, u bħala rispett kien jingħata wkoll xi ħaġa tal-ikel. F'dawk iż-żminijiet it-transport kien batut, u l-mezz tat-trasport komuni kien il-karettun u ż-żiemel, jew il-karrozzin.

Dari ukoll xi rġiel kienu jiddevertu billi jinġabru madwar xi tnejn min-nies idoqqu l-kitarri u jgħannu. Ħafna kienu jgħannu spirtu pront, jew xi tnejn jwieġbu lil xulxin bl-għana. Dan kien talent u llum ma tantx għadna nisimgħu min jgħanni.

Ix-xalata ta' wara l-festa illum saret tradizzjoni. Tradizzjoni, għaliex din ix-xalata issa ilha ssir snin twal. Tigbor il-familji, tgħaqqadhom, toħroġhom minn darhom u tferraħhom. Il-familji Maltin u Għawdxin, jiċċelebraw mal-bqija, u bħala parruċċani huma wkoll, igawdu l-għawm, l-ikel, ix-xorb, il-kant u l-bqija tal-atmosfera ta' ħbiberija sempliċi u sinċiera. Atmosfera unika. Ma nafux bl-eżatt meta bdew ix-xalati, madanakollu nafu sew illi l-poplu Malti lil żaqqu jħobbha ħafna u jħobb jifraħ u jixxala, kif ukoll ifakkar festi u avvenimenti mportanti billi jiċċelebra, u dawn l-affarijiet kien dejjem jamalgamhom flimkien. Kull meta kienet toqrob il-festa tal-belt jew tar-raħal, in-nisa, bħal ma għadhom sa' llum, jarmaw b'mod dekorattiv u sabiħ id-dar, fil-belt jew raħal li jgħammru fih, kif ukoll isajjru għall-familja u għall-mistednin biex ikomplu bl-atmosfera ta' ferħ. Iżda tant in-nies tagħna kienu jsajru, li kien jibqagħlhom ħafna ikel l-għada tal-festa. Minflok dak l-ikel li jifdal kienu jiekluh id-dar, kienu jmorru jiekluh il-Buskett jew x'imkien ieħor fejn il-baħar. Dawn l-ikliet ta' barra mid-dar kienu bdew isejħulhom "xalati tal-għada tal-festa". Maż-żmien bdew jiltaqgħu gruppi ta' familji biex jieħdu aktar pjaċir flimkien u b'hekk kienu jistrieħu l-għada tal-festa. Drawwa oħra ħelwa kienet dik li f'nhar San Girgor ta' Marsaxlokk, ħafna avventurużi kienu jieħdu l-ewwel għuma tagħhom, avolja l-baħar ikun għadu kiesaħ, meta tikkonsidra li nhar San Girgor jaħbat għall-aħħar ta' Marzu jew f'April.

Sena wara l-oħra, in-nies baqgħet tistenna dak il-jum ta' wara l-festa, jum ix-xalata. Illum l-aktar li jgawdu x-xalata huma ż-żgħażagħ, li l-għan ewlieni tagħhom hu li jgħaddu ġurnata ħdejn il-baħar jiddevertu flimkien.



# MARIAN



Diesel Service
Pump and Nozzle Repairs
**Open Monday to Friday From 8am-4pm**
Hut 16, Industrial Estate, Luqa   Mob: 99833127